MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Numru 995/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**V**

**EMANUEL MIFSUD**
**CARMELO MIFSUD**
**MALCOLM MIFSUD**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputati **EMANUEL MIFSUD** ta' hamsa w hamsin sena bin Fidele u Anna nee Said, imwieled l-Marsa nhar t-tmintax ta' Settembru 1953 u residenti 35, 'Sunflower', Triq Hal Bajada, Hal Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita numru 684753M, **CARMELO MIFSUD** ta' wiehed u hamsin sena, sena bin Fidele u Anna nee Said, imwieled l-Marsa nhar t-tlieta w ghoxrin t'Ottubru Dicembru 1957 u residenti 460, Triq il-Vitorja, Hal Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita numru 712557M u **MALCOLM MIFSUD** ta' wiehed u tletin sena bin Emanuel u Carmen nee Buhagiar, imwieled l-Awstralja, nhar l-ewwel ta' Jannar

1977 u residenti 28, ‘Bird of Paradise’, Triq Censu Decandia, Hal Luqa, detentur tal-karta ta' l-identita numru 343591M, gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

1. Nhar l-wiehed u tletin t’Awissu 2006, ghal habta tas-saghtejn ta’ wara nofsinhar, fl-isptar San Luqa u cioe fil-parkegg tal-kamra mortwarja, kkagunaw griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Louis Borg minn Tas Sliema, kif iccertifika Doctor Stephen West MD;

2. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, kkagunaw feriti hfief fuq il-persuni ta’ Karl Borg u Miguel Borg minn Tas Sliema, kif iccertifikat minn Doctor Stephen West MD;

3. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, m’obdewx l-ordnijiet legittimi tal-pulizija moghtija lilhom;

4. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, kisru l-kwiet w il-bon ordni publiku;

5. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, heddew bi kliem lil persuni msemmija aktar il-fuq.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrija tal-imputat Emanuel Mifsud rilaxxjata nhar d-disgha ta’ Settembru 2006 esibita bhala Dok. CSH 12 a fol 17 et seq tal-atti, l-istqarrija tal-imputat Malcolm Mifsud rilaxxjata nhar d-disgha ta’ Settembru 2006 esibita bhala Dok. CSH 13 a fol 19 et seq tal-atti, u l-istqarrija tal-imputat Carmelo Mifsud rilaxxjata nhar t-tmienja ta’ Settembru 2006 esibita bhala Dok. CSH 14 a fol 21 et seq tal-atti, l-okkorrenza relattiva esibita bhala Dok. PS a fol 28 et seq tal-atti, l-affidavits ta’ Doctor Stephen West esibiti a fol 64 et seq tal-atti, kif ukoll l-kunsens tal-Avukat Generali datat tnejn w ghoxrin ta’ Settembru 2006 esibit bhala Dok. CSH 6 a fol 11 tal-atti sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da part ital-imputati, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta’ Gudikatura Kriminali.

Semghet lil imputati kollha jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tat-tlett imputati nhar s-sitta t'Ottubru 2006 (fol 23 et seq tal-atti).
Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni.

Semghet lil Miguel Borg u Carl Borg jiddikjaraw li kienu qed rrinunzjaw ghal azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputati u lil Louis Borg jiddikjara li m'ghandux interess f'dan il-kaz u li kien qed jahfer lil imputati ghal feriti li kkagunawlu u dan fis-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2008 (fol 113)**.**

Semghet wkoll lil imputat Emanuel Mifsud jiddikjara li kien hu li kkaguna l-feriti fuq il-persuna ta' Louis Borg u li in vista ta' dik d-dikjarazzjoni w ammissjoni, il-prosekuzzjoni kienet qed tirtira dik l-akkuza fil-konfront tal-ko-akkuzati u dan fis-seduta tas-sebgha ta' Jannar 2009 (fol 114).

Semghet wkoll lill-imputati kollha jammettu l-akkuzi l-ohra ta' bon ordni, ksur ta' paci pubblika u ta' hsara voluntarja u lid-difiza tirrileva li t-tieni akkuza u cioe dik ta' feriti hfief fuq Carl Borg u Miguel Borg llum tinsab rinunzjata mill-parte civile u dan fl-istess seduta tas-sebgha ta' Jannar 2009 (fol 114).

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti, ghalhekk fil-konfront ta' Emanuel Mifsud jirrizultaw ippruvati l-ewel (1), t-tielet (3), r-raba (4), l-hames (5) w is-sitt (6) akkuza, fil-konfront tal-imputati Carmelo Mifsud u Malcolm Mifsud jirrizultaw ippruvati t-tielet (3), r-raba (4), l-hames (5) w is-sitt (6) akkuza u dan ghaliex l-ewwel (1) akkuza giet irtirata mill-prosekuzzjoni fil-konfront ta' fil-konfront tal-imputati Carmelo Mifsud u Malcolm Mifsud u t-tieni (2) akkuza wkoll fil-konfront tal-imputati Carmelo Mifsud u Malcolm Mifsud giet rinunzjata mill-allegat vittma kif verbalizzat fl-atti w ghalhekk il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ta' dawn iz-zewg akkuzi fil-konfront tal-imputati Carmelo Mifsud u Malcolm Mifsud.

Dwar il-piena:

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputati esibiti fl-atti w immarkati bhala Dok. CSH, CSH 1 u CSH 2 a fol 3 et seq minn fejn jirrizulta li l-imputati Malcolm Mifsud u Emanuel Mifsud instabu hatja zmien ilu ta’ kontravenzjonijiet w akkuzi naxxenti mill-Ordinanza tat-Traffiku ta’ portata zghira fejn inghataw amendi u multa zghira pero l-imputat Carmelo Mifsud ghandu sebgha *convictions* registrati fuq l-fedina penali tieghu fuq akkuzi naxxenti mill-Ordinanza tat-Traffiku, fuq feriti hfief, fuq ksur tal-paci pubblika u bon ordni u fuq theddid fuq Ufficjali Pubblici.

**Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikoli 212, 214, 216, 338(ee)(dd), 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li ssib lil imputat EMANUEL MIFSUD hati tal-ewwel (1) akkuza u cioe dik ta’ feriti gravi fuq il-persuna ta’ Louis Borg, tat-tielet (3), r-raba (4), l-hames (5) w is-sitt (6) akkuza u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ tmin mitt (800) euro, tiddikjara li ssib lil imputat MALCOLM MIFSUD hati tat-tielet (3), r-raba (4), l-hames (5) w is-sitt (6) akkuza u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta’ sena mill-lum ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li tiddikjara li ssib lil imputat CARMELO MIFSUD hati tat-tielet (3), r-raba (4), l-hames (5) w is-sitt (6) akkuza u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ erbgha mitt (400) euro.**

**Tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront tal-ewwel (1) fil-konfront tal-imputati Carmelo Mifsud u Malcolm Mifsud stante li din giet irtirata mill-prosekuzzjoni fis-seduta tas-sebgha ta’ Jannar 2009, w it-tieni (2) akkuza stante rinunzja tal-parti offiza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------